

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

A6-0022/2008

6.2.2008

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija (verżjoni kodifikata)
(COM(2007)0192 – C6-0108/2007 – 2007/0066(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Hans-Peter Mayer

(Kodifikazzjoni – Artikolu 80 tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
ANNESSE.....	6
PROĊEDURA	8

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija (verżjoni kodifikata)
(COM(2007)0192 – C6-0108/2007 – 2007/0066(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni – kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0192),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251, paragrafu 2, u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema Artikoli, il-proposta għet preżentata lil Kummissjoni (C6-0108/2007),
 - wara li kkunsidra l-ftehma interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' xogħol mgħaġġel għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi legiżlattivi¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0022/2008),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-grupp konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din il-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ ĠU L 102 ta' l-4.4.1996, p. 2.

ANNEX

Brussell, April 2007

Opinjoni tal-Grupp Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija

(COM(2007)0192 tas-17 ta' April 2007 – 2007/0066(COD))

B'kunsiderazzjoni għall-ftehma interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dawr metodu ta' ħidma aċċellerat bil-għan li jkun hemm kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi, u speċjalment punt 4 tal-ftehma, il-Grupp konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, iltaqa' fl-24 ta' April 2007 f'laqgħa dedikata għall-eżaminazzjoni tal-proposta msemmija, preżentata mill-Kummissjoni.

Waqt l-eżaminazzjoni tal-proposta tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li hija maħsuba biex tikkodifika d-Direttiva 78/93 3 KEE tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija, il-Grupp bi ftehim komuni, qabel dwar dak li ġej.

1. Fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 7, l-frażi "*id-direttivi maħsuba għal Anness III*" għandha tkun segwita bil-frażi "*Taqsim A*".
2. Fl-Anness I, punt 1.3, l-indikazzjoni "*2.4*" għandha ssir "*2.1.1*".
3. Fl-Anness I, punt 4.5.4.2, il-kelma "*plague*" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "*plage*".
4. *Fl-Anness I*, punt 4.15, il-linja li bħalissa tiġbor flimkien il-punti minn 4.15.3 sa 4.15.9 għandha tiġi sostitwita minn żewġ linji differenti, l-ewwel linja tiġbor il-punti 4.15.3 sa 4.15.6 bl-indikazzjoni "*Ebda speċifikazzjoni partikolari*" u l-punt l-ieħor jiġbor il-punti 4.15.7, 4.15.8 u 4.15.9 bl-indikazzjoni "*Tifsira oħra*".

Din l-eżaminazzjoni tista' tippermetti wkoll lill-grupp biex jilħaq ftehma komuni li l-proposta hija effettivament limitata għal kodifikazzjoni pura u sempliċi mingħajr modifikazzjoni tal-kontenut ta' l-atti li huma s-suġġett.

C. PENNERA
Ġuristalingwista

J.-C. PIRIS
Ġuristalingwista

M. PETITE
Direttur Ġenerali

PROĊEDURA

Titolu	Installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija (verżjoni kkodifikata)
Referenzi	COM(2007)0192 – C6-0108/2007 – 2007/0066(COD)
Data meta ġie preżentat lill-PE	17.4.2007
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-sessjoni plenarja	JURI 26.4.2007
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Hans-Peter Mayer 10.7.2007
Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni	10.7.2007
Data ta' l-adozzjoni	22.1.2008